MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Avviz Numru. 1580/2000/1

**Patrick Gracey**

**vs**

**Alfred Ellul**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fit-13 ta’ Novembru, 2000, fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi, danni minnu subiti fuq il-vettura tieghu numru ta’ registrazzjoni PAT480 in segwitu ghall-incident stradali li gara fl-Imsida fis-17 ta’ Ottubru, 2000, waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura numru ta’ registrazzjoni DBY325 u ghal liema incident kien jahti unikament l-konvenut minhabba traskuragni u nuqqas ta’ tharis lejn ir-regolamenti tat-traffiku prevja jekk hemm bzonn id-dikjarazzjoni illi ghall-

incident imsemmi l-konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta' kompetenza l-valur ta' l-ispejjez ma jeccedix l-elf lira Maltin.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-eccipjent m'huwiex responsabbli ghall-incident awtomobilistiku meritu tal-kawza. Il-habta sehhet minhabba difett mekkaniku li kellha x-xarabank fil-hin ta' l-incident u ghal liema difett huwa responsabbli Godfrey Mifsud li ghandu jigi msejjah fil-kawza.
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti qieghed ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi jikkontesta wkoll id-danni li l-attur qieghed jallega li sofra.
Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fi Triq Regjonali, l-Imsida, fis-17 ta' Ottubru, 2000, meta x-xarabank bin-numru ta' registrazzjoni BDY 325 misjuq mill-konvenut zviluppawlu difetti fil-brejkijiet li minhabba fihom ma setax jigi kontrollat u peress illi kien ghan-nizla ghamel hsara f'diversi karozzi illi kienu fit-triq, fosthom dik proprjeta' ta' l-attur.

Jibda' biex jinghad li dan ta' l-ahhar zgur illi ma kellu l-ebda tort ta' dan l-incident, la b'mod dirett u lanqas b'mod kontributorju. Kien qieghed ghal l-affari tieghu wara vetturi ohra jistenna t-turn biex ikun jista' jsegwi l-karozza ta' quddiemu u jkompli fi triqtu. Ma kienx mistenni illi jigi xarabank minghajr kontroll minn warajh u jaghmillu hsara

fil-vettura. Ghalhekk, ghal dik illi hija sewqan ta’ l-attur, zgur illi l-Qorti ma tistax issib l-ebda censura.

L-istess jinghad ghal quantum tad-danni fejn gew esebiti d-dokumenti kollha necessarji sabiex jiggustifikaw it-talba ta’ l-attur.

Ghal dak illi jirrigwarda responsabbilta tal-konvenut, irrizulta mill-provi illi l-konvenut huwa xufier tax-xarabank imsemmi DBY 325, li huwa proprjeta’ ta’ huh Emanuel Ellul li kien jiehu hsieb il-maintenance u jara illi x-xarabank jiffunzjona tajjeb u jkun *secure* ghat-triq. Il-konvenut xogholu kien biss xufier, ghad illi kellu struzzjonijiet minghand sid il-vettura illi kif ihoss illi xi haga qeghda hazin kellu jmur dritt ghand il-mekkanik.

Irrizulta mill-provi wkoll illi x-xarabank ma kienx ilu fit-triq peress illi kien ghadu kif gie restawrat u ghadda xi zmien ghand it-tellara u xi sprayers sakemm jitlesta *up to standard* u jintuza fit-triq. Fost ix-xogholijiet illi saru fuq ix-xarabank kien hemm dawk mekkanici, inkluzi l-brejkijiet fejn gew spezzjonati minn Godfrey Mifsud fejn xehed f’dawn l-atti u ta deskrizzjoni cara u teknika ta’ x’ikkawza l-qtugh tal-brejkijiet proprju dak il-mument illi x-xarabank kien niezel in-nizla. Barra minn hekk, l-istess Godfrey Mifsud irrilaxxa certifikat jew dikjarazzjoni a Fol. 42, fejn fil-qosor iddikjara illi l-kawza tal-falliment tal-brejkijiet kien il-hrug ta’ l-arja minn go cilindri biex b’hekk ma kienx hemm pressa x’tigi trasmessa fuq il-lining halli jzommu r-roti.

F’din il-kawza hemm biss l-attur u l-konvenut. Ghalhekk, kwalunkwe kwistjoni illi tirrifletti fuq is-*servicing* tax-xarabank hija ghal kollox estranea ghal din il-kawza. Jibqa’ biss il-kwistjoni jekk il-konvenut stante dawk ic-cirkostanzi esegwix id-dmirijiet tieghu bl-akbar diligenza u osservax ir-relogamenti tat-traffiku. Barra minn hekk, irid jigi ndagat ukoll kienx hemm xi element ta’ traskuragni min-naha tal-konvenut fejn seta’ jipprevedi dak illi kien ser jigri u minkejja dan, m’ghamel xejn.

Ikkunsidrat:

Illi d-difiza ta' difett imprevist tista' tirnexxi jekk jigi ppruvat illi dak id-difett ma setax b'xi mod jigi prevedut u li l-vettura kienet serviced b'mod regolari ghand nies kompetenti.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'kawza deciza fil-5 ta' Ottubru, 1994, Edwin Gauci Borda vs Mario Muscat qalet illi biex wiehed jigi esonerat mir-responsabbilta ta' ncident awtomobilistiku, abbazi tat-tezi li l-incident sehh minhabba difett improvvist li zviluppat il-karozza, wiehed irid igib provi definittivi illi mhux biss illi d-difett zviluppa minghajr ebda pre-avviz, izda li anke l-istess difett zviluppa minghajr htija tieghu.  Wiehed irid igib provi li l-istat tal-vettura meta beda jsuqha kien wiehed tajjeb u li l-karozza kienet regolarment serviced min-nies kompetenti.  (Ara wkoll Appell Inferjuri Godfrey Aquilina vs Joseph Schembri Et deciza fis-17 ta' Gunju, 1999).

Fl-isfond ta' dan it-taghlim, quindi, biex il-konvenut jigi esonerat minn responsabbilta jrid juri li waqt li:

1. Id-difett zviluppa minghajr pre-avviz;
2. Minghajr htija tieghu;
3. Li l-vettura kienet fi stat tajjeb li tinstaq; u
4. Illi kienet regolarment serviced min-nies kompetenti.

Il-Qorti jidhrilha li dawk ir-rekwiziti gew ampjament sodisfatti mill-konvenut.  Gie ppruvat minghajr ebda dubbju illi d-difett zviluppa minghajr pre-avviz.  Il-konvenut kien qieghed isuq ix-xarabank fuq rotta tal-linja fejn f'daqqa wahda huwa u niezel in-nizla lejn l-Imsida fi Triq Regjonali minghajr pre-avviz marrulu l-brejkijiet.

Irrizulta wkoll illi dan id-difett zviluppa minghajr htija tieghu, peress illi huwa kien biss xufier u ma kienx responsabbli ghall-*maintenance* tal-vettura, ghad illi kien jaf illi ftit taz-zmien qabel kien sar *service* fuq il-vettura.

Irrizulta wkoll, illi meta beda jsuqha l-vettura kienet qeghda tiffunzjona tajjeb.  Dana gie pruvat anki mix-xhieda ta' l-mekkaniks fejn spjegaw x'seta' gara f'dan il-

kaz u kif l-arja harget meta ttaqqbu jew inkella ttieklu l-linings tal-brejkijiet, haga illi tinduna biha proprju dak il-hin.

Irrizulta wkoll illi x-xarabank kien serviced min-nies kompetenti. X'ghamlu dawn, pero' f'dan il-kaz hu ghal kollox estraneju ghal din il-kawza. Zgur illi Godfrey Mifsud huwa bniedem kompetenti biex jaghmel *servicing* fuq *heavy plant machinery* kif iddiskriva x-xoghol tieghu. U l-vettura misjuqa mill-konvenut tinkwadra f'din id-deskrizzjoni.

Il-mod kif Mifsud xehed jidher illi huwa bniedem professjonali u ta' certa hila u jekk il-vettura kienet qeghda tkun ghandu ghat-tiswija allura l-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghaliex tiddubita mill-kwalita' tax-xoghol illi Mifsud jista' jesegwixxi. Veru illi jista' jaghti l-kaz li minhabba t-tul ta' zmien li x-xarabank damet wieqfa, l-lastiku illi huwa parti mis-sistema tal-brejkijiet setghu ddajfu u kkontribwew ghal falliment totali tal-brejkijiet. Hi x'inhi, kienet ir-responsabbilta ta' sid il-vettura u cioe' Emanuel Ellul illi jara li l-vettura dejjem tkun f'kundizzjoni ottima ghat-triq. Din ir-responsabbilta' ma tistax tigi trasmessa fuq is-sewwieq ta' dak il-hin u cioe' l-konvenut, li ma kellu l-ebda hjiel ta' dak illi kien ser jigri u lanqas ma seta' jissoponi illi dak fil-fatt kien ser jigri.

F'din ic-cirkostanza tidher illi saret inverzjoni tal-provi fejn il-konvenut kellu jipprova illi huwa ma kienx responsabbli ghal dak id-difett li zviluppa mprovisament u minghajr htija tieghu.

Filwaqt illi f'kawza civili l-attur li jallega li gratlu hsara b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu t-tort, tista' tavverra sitwazzjoni fejn ikun hemm inverzjoni tal-provi u dak illi gie deskritt bhala 'the evidential burden' jigi mitfugh fuq il-konvenut minflok fuq l-attur. Sir Richard Eccleston fil-ktieb tieghu 'Evidence Proof and Probability'
(Videnfield and Nicholson, London, 1978) jghid, "It is often said that although the legal burden of proof remains troughout the trial where it was at the beginning, the evidential burden may shift from one party to the other.

All this really means is that as a case proceeds, one party or the other will produce evidence which if it remains unchallenged would entitle the party producing it to a decision in his favour. In this sense it can be said to have shifted the burden of proof to the other party (pages 91/92)."

Dan huwa proprju dak illi gara f'dak il-kaz fejn 'the evidential burden' gie mitfugh fuq il-konvenut illi kellu jipprova huwa illi kien bla htija ghal dan is-sinistru.

Il-Qorti jidhrilha li din il-prova giet sodisfatta u ghalhekk ma tistax issib htija fuq il-konvenut ghal dak illi gara. Jekk din il-htija tista' tintefa' fuq persuni ohra, l-Qorti ma tistax f'dan l-istadju tiddikjarah peress illi f'din il-kawza hemm biss zewg partijiet, l-attur u l-konvenut. F'din is-sitwazzjoni l-attur ma rnexxilux jipprova illi l-incident gara minhabba xi traskuragni jew negligenza da parti tal-konvenut.

Ghalhekk, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' l-attur bl-ispejez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------